**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 04

**30 ta' Settembru 2024**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2024 fit-3:30 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joeline Attard - | Kunsillier |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 04 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **04.1** | **Qari ta' l-ittri ta' apologiji** |
| **04.01.01** | Ma kienx hemm. |
| **04.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 04.02.01 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 03, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsilliera is-Sa. Corinne Buhagiar u ġew issekondati mill-Viċi Sindku s-Sur Anthony Bonavia. |
| **04.03** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 04.03.01 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li waqt laqgħa mal-fondazzjoni Kottonera ġie diskuss li sabiex bejn is-7 u l-10 t' Ottubru 2024 tinxtel xi binja prominenti bl-aħdar sabiex ikun hawn kuxjenza dwar is-saħħa mentali. Il-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia issuġġerixa li tinxtgħel il-bitħa tal-kunsill b'search lights ħodor u tkun tidher mix-xatt tal-Birgu u Bormla. Il-Kunsilliera qablu dwar dan is-suġġeriment. |
| 04.03.02 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera sabiex kulħadd jieħu sehem fil-korsijiet Cir AKL 2024/59 Rights Training fourth Round li ser jitħejjew fl-uffiċini tal-MFWS, Maison Notre Dame, St. Calcedonius Sqr Floriana. Is-Sindku s-Sur Clive Pulis u l-kunsilliera is-Sa. Corinne Buhagiar diġa attendew għall-dan il-kors. Il-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia, il-Kunsillier is-Sur Malcolm Gatt u l-kunsilliera is-Sa. Joline Attard flimkien mas-segretarju eżekuttiv is-Sa. Graziella Gellel ser jattendu fil-15 ta' Novembru 2024 bejn l-10am u 12:00pm. |
| 04.03.03 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar il-purċissjoni tar-Rużarju fl-4 t' Ottubru 2024 fis-6.45 pm sabiex il-kunsill jibgħat *No Objection* min-naħa tal-kunsill lit-TM u lil-Puluzija. |
| 04.03.04 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ġie mistieden għall *Annimal Honour Awards* fl-4 t' Ottubru ġewwa Chateau Buskett, Siġġiewi mill-Ministeru tal-Agrikoltura, Bidja, Sajd u drittijiet tal-annimali. |
| 04.03.05 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar poster u imejl mibgħuta mill-public works għall-Charity Bike Ride l-għan sabiex il-pubbliku jgħin lid-Dar tal-Providenza. Il-Kunsill għandu jirreklama il-poster billi jitella' fuq il-paġna tal-Face book tal-kunsill. |

| | |
|---|---|
| 04.03.06 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar Ċirkulari AKL 2024/057 fejn ser ikun hemm l-ewwel laqgħa online ta' *Young Elected Officials Academy* bejn l-14 u 16 t' Ottubru 2024. |
| 04.03.07 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li rċievew invit dwar il-EU Code Weak 2024 fl-10 t' Ottubru 2024. Is-Sindku s-Sur Clive Pulis u l-kunsilliera is-Sa. Corinne Buhagiar ser jattendu għal dan l-invit. |
| 04.03.08 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar il-kommunikazzjoni minn għand is-Sur Jonathan Galea mil-Como to Malta Seaplanes Rally fejn ser issir riċiviment fil-Gardjola u l-kunsilliera kollha huma mistiedna fil- 5 t' Ottubru bejn il-11:00am u s-1:00pm. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet min jista' jattendi għal dan ir-riċiviment sabiex tibgħat lis-Sur Galea min ser jattendi, il-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia, il-Kunsilliera is-Sa. Corinne Buhagiar u s-segretarju Eżekuttiv is-SA. Graziella Gellel ser jattendu għal dan l-invit. |
| 04.03.09 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li l-attivita waqt il-ftuħ tal-bidu tas-sena skolastika fil-25 ta' Settembru 2024 kienet ta' suċċess, kemm il-kap tal-iskola, l-għalliema, staff, ġenituri u fuq kollox studenti ħadu gost ħafna. |
| 04.03.10 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera sabiex jinġabru kwotazzjonijiet għad-dawl tal-Milied sabiex jibdew il-praparamenti. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan. |
| 04.03.11 | Is-Sindku ressaq is-suġġeriment dwar il-manutenzjoni tal-arblu li hemm fil-gardjola sabiex jinstab kuntrattur li jista' jagħmel dan ix-xogħol. |
| 04.03.12 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li l-arblu li kien hemm fid-daħla tal-Isla fejn kienu jitpoġġew il-fjuri għall Jum L-Isla sarlu ħsara intensiva u ma jistax jerġa jitpoġġa fejn kien fi Pjazza George Mittrovich. Ġie issuġġerit li l-kunsill jixtri l-materjal u jinħadem fil-maħżen tal-festa min-nies tal-festa. Il-Kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment. |
| 04.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li nhar il-Ġimgħa 4 t' Ottubru 2024 bejn it-8.30 am u id-9.30am ser issir mixja bil-klieb jew il-pets mal-istudenti peress li hija l-Annimal Weak u jkun hemm it-tberik tal-annimali. |
| 04.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li residenta is-Sa. Martina Colombo avviċinat lis-sindku sabiex issir attivita tal-Halloween fil-Pjazza Erbgħa ta' Settembru flimkien ma dik li s-soltu jagħmel il-kunsill fil-librerija fil-31 t' Ottubru 2024. Wara diskussjoni dwar id-data il- |

| | |
|---|---|
| | kunsilliera is-Sa. Corinne Buhagiar flimkien mas-segretarju eżekuttiv qablu li ssir fl-istess data fil-31 t' Ottubru 2024 sabiex issir attivita waħda. L-ewwel issiru l-attivitajiet fil-librerija fis-6.00pm imbgħad ikomplu ma l-attivita tal-pjazza fis-7.00pm mingħajr ħlas. |
| 04.03.14 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li flimkien mal-Onor Glenn Bedingfield daru mal-Isla sabiex jaraw fejn hemm aktar bżonn ta' tindif fil-lokalita'. Ġie diskuss li l-Cleansing ser tibgħat ħaddiem mid-dipartiment tal-Cleansing sabiex juża l-nagna li kienet ingħatat lil kunsill għaliex il-kunsill m'għandux ħaddiem li jista' juża din il-magna. |
| 04.03.15 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti sabiex il-kunsill jikkolabora ma Dejan Grech biex ikompli jagħmel tours internazzjonali u jitħareġ u jġib suċċessi lejnil-Belt tal-Isla fil-billiard. Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandu jingħata 100 ewro sabiex jikkollabora ma Dejan Grech għall dawn it-tours internazzjonali. |
| 04.03.16 | Is-Sindku ressaq l-imejl minn għand is-Sur Jason Allen fejn informa lill kunsilliera preżenti dwar l-atttivita li ser jagħmel b'kollaborazzjoni mal-arċipriet u l-każin tal-banda sabiex isisr replika tal-festa tal-Bambina fl-24 t' Ottubru 2024 u wara issir riċiveiment fil-Gardjola għal nies distinti biss, għalhekk is-Sur Jason Allen qed jitloba lil kunsill sabiex jikollabora u jibgħat No Objection lil Puluzija għal din l-attivita. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din l-attivita. |
| 04.03.17 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar laqgħa li saret mal-kap tal-iskola u l-kunsilliera s-Sa. Corinne Buhagiar sabiex issiru sezzjonijiet dwar is-saħħa mentali kemm għall-ġenituri u kemm għall-istudenti u attivitajiet tal-yoga għat-tfal fit-18 jew 19 ta' Novembru 2024. Il-kap tal-iskola staqsiet lil-kunsilliera is-Sa. Corinne Buhagiar jekk il-kunsill jistax din is-sena jikollabora mal-iskola primarja u jħallas il-kunċert tal-aħħar tas-sena tat-tfal jew parti minnu li jiswa madwar 1500 ewro li s-sena l-oħra kien ikkolabora l-arċipriet f'dan il-kunċert.<br><br>Ġie diskuss li peress li l-kunsill jinstab lejn l-aħħar tas-sena irrid joqgħod ftit kawt dwar l-ispejjeż.<br><br>Il-Viċi Sindku issuġġerixa sabiex jibgħatu għal Social Workers tal-Gvern biex jagħmlu dawn id-diskussjonijiet u jara jistgħux ikunu mingħajr ħlas.<br><br>Il-Kunsill lest li jħallas sezzjoni waħda tal-yoga għat-tfal. |
| 04.03.18 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti wkoll li ser ikun hemm sezzjonijiet tas-saħħa mentali mill-AKL għall-kunsilliera, min jixtieq jattendi jinforma lil AKL. |

| | |
|---|---|
| 04.03.19 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ma setgħax jattendi għall-konferenza tal-Clean Up għaliex dak in-nhar kellu kors. Il-lokalita tal-Isla kienet diġa għamlet il-Clean up Day fis-6 ta' Settembru 2024 qabel ma saret il-konferenza. |
| 04.03.20 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kien ser issir il-manutenzzjoni fil-letrina tax-xatt minn naħa ta' barra u taraġ ta' madwar bil-ħaddiema tal-MTA, il-Kunsill joħroġ il-materjal u l-ħaddiema tal-MTA jagħmlu ix-xogħol iżda sabu ħafna ħsara fil-kolloni għalhekk tlabna l-perit tal-kunsill sabiex jiġi u jagħmel rapport tal-periklu li hemm għalhekk hemm bżonn li jinġabru kwotazzjonijiet sabiex naraw din l-ispiża kemm ser tiġi tiswa. Il-Kunsill diġa beda jagħmel il-kalkoli ta' din il-manutenzjoni fuq dawn is-sitt koloni u qed jidher li l-ispiża ser tkun madwar 10,000 ewro. |
| 04.03.21 | Is-Sindku iddiskutali fil-11 ta' Settembru flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa mall-public works sabiex il-kunsill ikun jista japplika għal-skema fejn ikun jista jirranġa postijiet miftuħa, bankini u pjazzez jew ġonnon. Is-Sindku issuġġerixa li jinbidel jew jitranġa l-pavimentar tal-Gardjola. Ġie suġġerit ukoll li bil-fondi tal-public works titneħħa il-funtana tal-Gardjola u tiġi diskussa wkoll waqt il-laqgħa pubblika. |
| 04.03.22 | Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-konferenza dwar Vjal il-Kulħadd ġewwa l-Exelsior il-Furjana fit-18 ta' Settembru 2024. Il-Kunsill jista' joħroġ bl-idea u imbgħad jiġu mgħoddija lil Infrastructure Malta. Is-Sindku issuġġerixa li tingħalaq il-pjazza u tiġi pavimentatat bħal ma hemm fin-nofs l-ieħor tal-pjazza u tal-linja joperaw minn Bormla. Iżda biex issir dan irrid ikun hemm diskusjonijiet kemm mar-residenti kif ukoll mat-TM sabiex ir-resident ikun mogħqdi tajjeb. Is-Suġġeriment hu li jsir shuttle service li jieqaf fejn il-knisja tal-Vitorja , il-knisja ta' San Filippu u x-xatt. L-ispejjeż ta' shuttle service irridu jsiru minn TM għaliex il-kunsill m'għandux dan l-introjtu. Ġie diskuss sabiex issir laqgħa pubblika fid-9 t' Ottubru 2024 fis-6pm u b'hekk il-kunsill ikun jista jisma' is-suġġerimenti u l-ilmenti tar-residenti. Din l-iskema talaq fit-30 t' Ottubru 2024. Is-Sindku informa lil kunsilliera li s-sindku għandu laqgħa mas-Sur Steve Ellul u jrid immur bil-proposti. |
| 04.03.23 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li ser issir lift mill-ponta għall fejn il-gardjola fejn ser issir is-substation il-ġdida. |
| 04.03.24 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser issiru cctv quddiem il-knisja tal-Vitorja u issiru tabelli biex ma jkunx hemm abbuż jekk ikun hemm xi rġiel jagħmlu l-bżonijiet naturali tagħhom barra għaliex ikun hemm abbużżi u rebus ta' parkeġġ quddiem il-knisja tal-Vitorja. Issiru cctv |

| | |
|---|---|
| | fuq il-forti San Mikiel u fejn il-grawnd tal-futbol. Hemm bżonn li jitranġaw il-lasti tal-grawnd u issir Basket Ball Shooter ukoll. Is-Sindku qal li dawn il-lasti m'għadhomx tajbin għalhekk hemm bżonn li jintbidlu. |
| 04.03.25 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li saret l-ewwel laqgħa tat-tfal fit-18 ta' Settembru u ser jużaw is-sala. Ser ikun hemm oħra f' Ottubru 2024 u oħra f' Novembru 2024. Il-Kunsill kemm jiftaħ is-sala. |
| 04.03.26 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li sar il-booking għal-ikla tal-familja għal żmien il-Milied fin-Nigret li ser issir fid-19 ta' Diċembru 2024, ser jitkellem mas-Sur Andrew Cutajar sabiex jiddiskuti l-festin tat-tfal u tal-anzjani biex issir fis-sede bħal kull sena. |
| 04.03.27 | Is-Sindku informa l-kunsilliera dwar imejl li intbgħatet sabiex il-kunsill tal-Isla jieħu sehem f'proġett mal-Greċja dwar Urban Areas. Il-Kunsilliera qablu li l-kunsill tal-Isla jieħu sehem biex ikun partners f'dan il-proġett tal-fondi tal-EU. |
| 04.03.28 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kellem lis-Sur Quinton Scerri sabiex jiddiskutu l-programmt tal-1 ta' Diċembru 2024 u jibda ir-reklamar fuq il-paġna tal-face book tal-kunsill. |
| 04.03.29 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat il-kwotazjonijiet li inġabru għall-Contracts Manager u dan ser ikun Sven Formosa għall-sena għall-prezz ta' 5600 ewro. Il-Kunsilliera qablu ma dan. |
| 04.03.30 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet ukoll talba mil-iskrivana Dinah Agius sabiex il-kunsill joħroġ allowance biex din tagħmel ix-xogħol ta' skrivana, kif jingħata lil Sven Formosa għalhekk il-kunsilliera qablu li s-Sa. Dinah Agius għandha tingħata allowance ta' 100 ewro fix-xahar u terġa tiġi riveduta wara sena. Il-Kunsilliera qablu li għanda tingħata dan l-allowance. |
| **04.04** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 04.04.02 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk jistgħax issir bollards fi Triq San Ġuzepp fuq yellow lines?<br><br>Is-Sindku wieġeb li ser isiru. |

| | |
|---|---|
| | |
| **04.05** | **Rapporti** |
| 04.05.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Awissu 2024 u l-petty cash t' Awissu 2024 fejn ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **04.06** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 04.06.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 9/2024 għal-għaxar leġislatura fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **04.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 04.07.01 | Is-Seduta ntemmet wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 30 t' Ottubru 2024 fil-5:00pm |

Konfermati, illum 30 t' Ottubru 2024

IFFIRMATA

Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA

Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv